MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 137/2013

**Raymond Gera (ID 813356M) u Thelma Gera (ID 702254M)**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta` Frar 2013 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrenti bejniethom kellhom l-ishma kollha fis-socjeta` Basement Design Limited, socjeta` li kienet registrata bin-numru C12581 (vide Dok A) hawn anness.*

*Illi s-socjeta` Basement Design Limited giet struck off minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet b`avviz li deher fis-27 ta` Frar 2012, kif jirrizulta mill-avviz hawn anness bhala Dok B.*

*Illi ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 ghadhom m`ghaddewx hames snin minn meta din is-socjeta` thassret minn fuq ir-registru.*

*Illi kif jirrizulta mill-anness kuntratt hawn anness bhala Dok C, is-socjeta` Basement Design Limited kienet u ghada l-propjetarja ta` appartament bl-indirizz 1, Clifton Court, Sir Luigi Camilleri Street, Sliema.*

*Illi r-rikorrenti, bhala unici azzjonisti fis-socjeta` Basement Design Limited, ghandhom kull interess li s-socjeta` Basement Design Limited terga` titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet, u huma qatt ma xtaqu li din is-socjeta` tigi struck off, izda bi zvista ma rawx l-avvizi ppubblikati.*

*Illi jekk is-soscjeta` mhux ser terga` titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet huma bhala l-unici beneficial owners tas-socjeta` ser jigu pprivati mill-propjeta` u t-tgawdija tal-propjeta` mmobbli tas-socjeta`.*

*Illi b`hekk jezistu r-rekwiziti kollha kontemplati fl-artikolu 325(4) sabiex socjeta` li tkun giet struck off terga` titqieghed fuq ir-Registru tas-Socjetajiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li s-socjeta` Basement Design Limited terga` titqieghed fuq ir-Regisstru tas-Socjetajiet taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fl-1 ta` April 2013 li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija Basement Design Limited (C12581) giet registrata fit-18 ta` April 1991 u sussegwentement pprezentat ghar-registrazzjoni d-dokumenti tal-compliance sabiex tigi regolata taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi madanakollu l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin milli tosserva l-obbligi u dmirijiet legali taghha taht l-istess Att. Tant hu hekk illi l-ahhar kont annwali li baghtet il-kumpannija kien igib id-data tal-31 ta` Dicembru 1999 filwaqt li l-ahhar prospett annwali kien tal-31 ta` Ottubru 2000.*

*Illi l-fatt li l-kumpannija in kwistjoni baqghet ma ottemperatx ruhha mal-obbligi legali taghha bhala kumpannija ghal diversi snin kienet raguni bizzejjed biex ir-Registratur tas-Socjetajiet jassumi li din il-kumpannija ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi meta ntbaghtet il-korrisprondenza lill-kumpannija in kwistjoni u lill-ufficjali taghha u meta nhargu l-avvizi preskritti mill-Artikolu 325 ta` l-Att, ir-Registratur ma rcieva ebda nformazzjoni li xi hadd kellu xi interess illi l-isem tal-kumpannija Basement Design Limited (C12581) ma jithassarx minn fuq ir-Registru.*

*Illi ghalhekk l-intimat Registratur mexa sabiex jipprocedi bil-pubblikazzjoni ta` avviz li l-isem tal-*

*kumpannija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru b`effett mis-26 ta` Frar 2012.*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qeghdin jistitwixxu dawn il-proceduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-isem tal-kumpannija Basement Design Limited (C125281) jerga` jitqieghed fuq ir-Registru. Dan fuq il-premessa illi huma ghad ghandhom propjeta` mmobbli registrata f`isem il-kumpannija.*

*Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti hija soddisfatta illi jkun xieraq illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru u billi r-rikorrenti agixxew entro l-hames snin mill-pubblikazzjonijiet ta` l-avviz tat-thassir ta` l-isem tal-kumpannija, ir-Registratur ma joggezzjonax illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.*

*Illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun illi tilqa` t-talba kif maghmula mir-rikorrenti sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru umilment jissolleva illi fis-sentenza taghha l-Qorti ghandha taghti dawk id-direzzjonijiet u dawk il-provvedimenti illi jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz odjern biex il-kumpannija u terzi persuni jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista` jkun qrib dik li kieku l-isem tal-kumpannija qatt ma kien thassar. Illi ghalhekk l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tal-kumpannija u ta` ufficjali taghha jergghu jigu fis-sehh daqs li kieku l-isem tal-kumpannija qatt ma thassar.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur tal-Kumpanniji jissolleva illi jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss li hu xieraq illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru fis-sentenza taghha ghandha wkoll taghti dawk id-direttivi lill-kumpannija u l-ufficjali taghha sabiex jiehdu hsieb jibghatu d-dokumentazzjoni li qatt ma ntbaghtet lir-Registratur inkluzi l-prospetti annwali u kontijiet annwali u jithallksu l-penalitajiet kollha dovuti mir-Registratur. Dan sabiex jigi evitat illi jitpoggew lura fuq ir-Registru*

*kumpanniji b`nuqqasijiet kbar vis-a-vis l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-15 ta` April 2013 u tas-27 ta` Gunju 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum fejn kien dikjarat illi fil-mori tal-kawza r-rikorrenti kienu rregolaw ruhhom bis-shih fir-rigward ta` kull pendenza li l-kumpannija Basement Design Limited kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji. Id-difensur tal-intimat iddikjarat li l-intimat huwa sodisfatt illi llum il-kumpannija de qua m`ghandhiex pendenzi mieghu u kwindi mhux qieghed jopponi illi l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Rat id-digriet taghha tal-lum fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum stess.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza u cioe` l-udjenza tal-15 ta` April 2013 ir-rikorrenti wrew disponibilita` li jassikuraw li kwalsiasi pendenza li l-kumpannija kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji tigi regolarizzata **qabel** ma` din il-Qorti tiddeciedi jekk takkordax inkella le t-talba taghhom kif dedotta fir-rikors promotorju tieghu. Ir-rikorrenti baqghu jsostnu d-disponibilita` taghhom konkretament fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2013 sa ma ffinalizzaw l-pendenzi kollha li kellhom mar-Registratur tal-Kumpanniji fl-udjenza tal-lum – kollox

inkluz u xejn eskluz. Kien propju ghalhekk illi r-Registratur tal-Kumpanniji ma kienx kontra li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art.325 tal-Kap.386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija ma tkunx qeghda topera. Minn dak li rrizulta b`mod komplessiv fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Se mai kull nuqqas kien imputabbli lill-kumpannija, li taghha r-rikorrenti kienu l-azzjonisti u d-diretturi, inkluz fejn si tratta tal-adempiment tal-obbligi taghha skond il-ligi.

Is-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li jipprezentaw il-fatti ta` din il-kawza.

Jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta’ dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta’ l-avviz tat-thassir … tista’, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta’ kopja ufficjali ta’ l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista’ bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista’ jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma*

*mir-Registratur u f’gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti huma membri tal-kumpannija in kwistjoni. Din il-Qorti tinnota li r-rikorrenti kienu pronti u hadu azzjoni skond l-Art 325(4) tal-Kap 386 anqas minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-avviz mir-Registratur. Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi xpruna lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, u tghid illi hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru. Hija hekk sodisfatta wkoll ghaliex kif kien rilevat mir-rapprezentant legali tal-intimat illum l-atti li s-socjeta` kellha tibghat lir-Registratur skond il-ligi llum huma regolarizzati, u kull dritt jew penali dovuti lir-Registratur huwa saldat tant illi llum l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Din il-Qorti tinsisti mar-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma ghandu jfisser illi l-ufficjali tal-kumpannija – kemm jekk ikunu r-rikorrenti stess inkella jekk ikun haddiehor – ma qeghdin jinghataw xi *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkunu jistghu jaghmlu li jridu u jittraskuraw ghal kollox l-obbligi taghhom skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti certament tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos li tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tkun qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi taghha jew tal-ufficjali taghha.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Basement Design Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C12581 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Basement Design Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C12581 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Basement Design Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C12581 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Basement Design Limited (C12581) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Basement Design Limited (C12581) jerga` jidhol fir-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------